**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 247/2021 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MB**

**Vs**

**SB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MB datat 8 t'Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta gewwa r-Registru Pubbliku, hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' RB li twieldet nhar l-erbatax (14) ta' Marzu elfejn u tlieta u li llum il-gurnata ghandha tmintax-il sena;*

3. *Illi l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment peress illi l-konvenut intimat rrenda ruhu lejn martu r-rikorrenti esponenti ta' theddid, offizi gravi, abbandun u ragunijiet ohra serji kif ukoll minhabba inkompattibilita ta' karattru;*

4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati u fattwalment mix-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u minn dak inhar l-esponenti qatt ma kellha kuntatt mal-intimat hlief tramite l-konsulenti legali taghhom;*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet b'dan illi huma jghixu hajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin;*

6. *Illi fit-tletin (3) t'Awissu tas-sena wiehed u elfejn u ghoxrin (2021), din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 1816/21 iddikjarat il-medjazzjoni bejn il-kontendenti maghluqa, u awtorizzat ir-rikorrenti tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali fit-terminu mpost bil-Ligi (kopja awtentika annessa u mmarkata bhala 'Dok B');*

7. *Illi kull tentattiv ghal rikonciljazzjoni jew separazzjoni bonarja bejn il-kontendenti ma tawx frott minhabba n-nuqqas estrem ta' kooperazzjoni da parti tal-intimat u li filfatt l-intimat qatt ma deher ghal dawn il-proceduri;*

8. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personali;*

9. *Illi s-sitwazzjoni bejn il-kontendenti saret intollerabbli fejn minkejja din is-sitwazzjoni, it-tifla qeghda fi stat vulnerabbli immens u dan l-aktar minhabba l-agir ta' missierha lejha;*

10. *Illi ghalhekk jikonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet li gie ccelebrat nhar l-erbgha ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (4/44/2006);;*

ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;*

iii. *Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas retta elimentari lir-rikorrenti bhala manteniment ghall-bzonnijiet tat-tifla RB sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi*

*li tkompli bl-istudji taghha, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni sabiex san il-hlas jigi ezekuttat b'permezz ta' standing order mill-kont bankjaru tal-konvenut u kif ukoll tordna lill-intimat sabiex ihallas dawk l-arretrati kollha ta' manteniment dovuti tal-lum u cioe' minn Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u li jistghu jigu dovuti sas-sentenza finali;*

iv. *Tordna lill-intimat sabiex ihallas somma ta' manteniment pendent lite ghat-tifla RB u dan skont kif jidrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti;*

v. *Tilqa' r-raba talba pendente lite u taghti l-awtorizazzjoni mehtiega ghal dan l-iskop;*

vi. *Tawtorizza lill-esponenti tirriverti lura ghal kunjomha xebba u cioe' Dimech;*

vii. *Tiddikjara x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi, u konsegwentament takkorda lil kull wiehed mill-partijiet is-sehem taghhom mill-assi formanti l-istess kommunjoni, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-istess att relattiv u kuratur sabiex jipprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att jekk ikun il-kaz;*

viii. *Tigi awtorizzata, minhabba cirkostanzi li tallontana ruhha mid-dar fejn kienu jirrisjedu fiha l-partijiet bhala d-dar matrimonjali taghha, u li tiehu l-oggetti personali taghha;*

*U dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenut SB datata 15 ta' Marzu, 2022 (Vide Fol 102 et seq) li taqra hekk:

*2. Illi IN LINEA PRELIMINARI dina l-kawza ma tistax titkompla qabel ma jigu mhalsa l-ispejjez kollha , gudizzjarji u extra gudizzjari, li nkorra l-konvenut SB EL BURAWI fil-kawza Citazzjoni Referenza 249 / 2020 - JPG li kienet*

*giet ceduta habta u sabta mir- Rikorrenti Attrici mart SB, u wara li l-intimat odjern kien intavola r- Risposta Guramentata kif ukoll il-Kontro-Talbiet tieghu ghal dina l-kawza. SB kien mhux biss inkorra spejjez izda kien gibed l-attenzjoni tal-Onorabbili Qorti kif ippreseduta ukoll odjernament li dik il-kawza Citazzjoni Nru. 249 / 2020 kienet mimlija zbalji procedurali . L-Attrici inkiss, inkiss, qabdet u cedet dik il-kawza minghajr l-awtorizazzjoni tal-Onorabbili Qorti u minghajr ma avzat lill-konvenut zewgha, oltre li b`hekk ma halsitx skont kif proceduralment u legalment obligata lill-Intimat talli dana lahaq dahal fi spejjez gudizzjarji u extragudizzjarji meta pprezenta fit - termini legali r - Risposta Guramentata tieghu kif ukoll il-Kontro Talbiet f`dik il-kawza.*

*3. Illi, ghaldaqstant, dina `l wisq Onorabbili hija umilment mitluba biex tordna lir- Registratur tal- Qorti tal- Familja sabiex jallaccja l-Atti Processwali shah tac - Citazzjoni Referenza Numru 249 / 2020 - JPG ( li f`kull kaz issa hija ceduta mill- istess Attrici li ceditha fl-istess Registru tal - Qorti tal- Familja ) u dana biex dina l-Onorabbili Qorti tkun tista` tivverifika dana kollu u tati direttiva lill-Attrici li qedha tikkoabita ma` ragel iehor f` residenza f` Bahar - ic - Caghaq sa` minn Marzu 2020 , sentejn, meta abbandunat id-dar konjugali f`Hal Ghaxaq , u b`hekk l-Attrici thallas lil zewgha l-espejjez li kkonstringitu illi jghamel kif hawn fuq imfisser.*

*4. Illi l-kawza 249 / 2020 - JPG kienet giet intavolata abbuzivament peress illi l-konvenut qatt ma kien tenna li ma jridx jattendi l-Medjazzjoni izda kien qed ihossu skomdu li jghamel seduti `on line` meta ma kienx attrezzat b`apparat idoneju elettroniku , u flimkien mal- Avukat tieghu kien esprima d-dubbji tieghu dwar kemm setghet isir Medjazzjoni `on line` !! Il-Medjatrici ghada sallum ma tridx tghamel sessjonijiet ta` Medjazzjoni jekk mhux ` on line` u dina s-sistema qedha tohloq ingustizzja kbira kif inhuwa ovvju.*

*5. Illi l-kawza Numru 249 / 2020 - JPG kienet saret bhala paraventu mill-Attrici wara li z-zewgha l-konvenut kien ikkonferma li martu kien ilha qed ikollha relazzjoni intima ma` dana r-ragel kollega taghha fuq il-post tax- xoghol li huwa l-AIR MALTA CARGO SECTION f` Hal Luqa u marret tghix mieghu f`residenza f`Bahar - ic- Caghaq . Allura intavolat dina l-kawza biex igieb l-iskuza li z-zwieg kien tfarrak irrimedjabbilment u minghajr ebda tama ta` rikonciljazzjoni .*

*Naturalment wahhlet fil-konvenut u holqot hafna stejjer fittzji kif juri l-Affidavit mimli inezattezzi li esebit ma` dina l-kawza odjerna.*

*6. Illi l-kawza Citazzjoni 249 / 2020 - JPG kienet wahda ghall- Firda Legali , importanti li b`hekk tigi allacjata ma` dina l-kawza odjerna billi si tratta fuq l-istess mertu biss issa l-Attrici qedha titlob ghall- hall taz-zwieg taghha minn mal-intimat zewgha SB, b`hafna pretenzjonijiet ohra kollha legalment u fattwalment bla ebda bazi legali u / jew fattwali. Jidher li kienet giet ceduta b`mod abbuziv nhar id-29 ta` April, 2021, fil - kwarta fir- Registru, bil-kwiet biex zgur hadd ma jisuspetta xejn. Dina l-kawza odjerna giet inizjata bil-proceduri tal-Medjazzjoni , quddiem l-istess Medjatrici, fejn rega` kien hemm l-istess diffikultajiet billi l-Medjatrici insistit li s-seduti jsieru `on line` fejn zgur il-gustizzja ma tidhirx li qedha ssir. Allura ma huwa minnu xejn li l-intimat qatt ma attenda jew ma kkopperax , kif qed jigi falzament allegat f`dina l-kawza.*

*7. Illi mela dik kienet l-ewwel eccezzjoni in linea preliminari, u fejn fil-qosor inghatat spjegazzjoni ghala giet sollevata. Illi n-Numri Referenzjali tal-Medjazzjonijiet kienu 419 / 2020 - AGR , u 507 / 2021 - AGR, fejn il-Medjatrici insistit li s-seduti kellhom isiru ` on line ` , anke meta ma kienx hemm htiega li dawna ssiru ` on line` u l-konvenut sostna li dana l-metodu kien imur kontra l-objettivi nobbli wara xi Medjazzjoni.*

*8. Illi l-konvenut huwa ta` origini mill- Libya, biss ilu 33 sena jghix u jirresjedi hawn Malta, dana mal-Attrici kien it-tieni zwieg tieghu , iz-zewg zwigijiet saru f`pajjizna, it- tieni wiehed mal- Attrici l-ewwel fil- Moskeja ta` Corradino , u mbaghad sehh iz-Zwieg Civili skont il-Ligijiet ta` Malta. Il-konvenut huwa cittadin Malti u jahdem mal- ENEMED bhala Driver tal - Bowsers Kellu b`kollox hames titfal, tnejn mill-ewwel zwieg, RAMIS u DONIA, illum it-tnejn adulti; u mit-tieni zwieg tlett itfal, il-kbira li llum ghandha 19-il-sena , ghandha xoghol part time bhala Security u tghid li hi studenta ukoll bi stipendju daqs salarju tat- tobba, u ghadha tghix fid-dar matrimonjali f`Hal Ghaxaq, billi ommha l-Attrici ma tridx ix-xkiel taghha minhabba li tghix ma` dana s-sieheb maskil f`residenza ta` Bahar - ic-Caghaq .*

*9. Illi wiehed josserva li l-kawza ntavolata MB EL BURAWI biss li tahdem full*

*time u hija adultera. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni in linea preliminari illi MB nee` Dimech ma ghandha ebda setgha legalment u fattwalment li tghamel xi forma ta` Talbiet dwar il-bint maggorenni RB EL BURAWI ta` 19-il-sena ( DATA TAT - TWELID F`MARZU TA` DSATAX - IL - SENA ilu ) u kwindi t- Tielet, ir- Rabgha u l-Hames Talbit Attrici huma nulli u invalidi, abbuzivi u erratici proceduralment, u ghalhekk mhux biss ghandhom jigu michuda, izda anke sfilzati.*

*10. RB hija l-ikbar mit-tlett itfal li l-konvenut kellu mit-tieni zwieg tieghu. Dejjem ha hsieba missierha f`kollox sakemm dina t-tfajla kkonkoffat ma` ommha biex dina tohloq incident fejn missierha gie mkecci mid-dar konjugali w residenza tieghu f`HAL GHAXAQ wara Rapport Falz relat ma` Vjolenza Domestika li kien jinkludi lill-konvenut u bintu, ghax l-Attrici gja kienet abbandunat id-Dar Matrimonjali biex tmur tghix ma` dana s-sieheb f`Bahar - ic - Caghaq . Hemm proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ppresedut mill-Magistrat Dottor Ian Farrugia , Awla 8, id-differiment li jmiss ghall- 15 ta` Marzu, 2022, fid- 9 ta` filghodu. Iz-zewg ahwa l-ohra ta` RB , BB u LB , mietu ta` eta` zghira.*

*11. Mela dina hija t- Tieni Eccezzjoni in linea preliminari li qed jissoleva l-konvenut illi MB ma ghandix locus standi fil-ligi li tghamel xi talbit f`isem il-maggorenni ta` dsatax-il-sena RB , bint il-konvenut, u ghalhekk jerga` jigi ripetut illi it- tlett Talbit TLIETA - ERBGHA - HAMSA fir- Rikors Guramentat tal- Attrici odjern, fit-tieni faccata, ghandhom jigu ddikjarati nulli u invalidi, ineffettivi u mhux enforzabbili, u b`hekk ghandhom ukoll jigu sfilzati skont il-ligi.*

*12. Illi l-kawza hija mibnija fuq ``fatti`` li gew ikkurati billi l-Attrici trid tahrab mill-verita` halli ma jinkixifx il-fatt li hija kellha relazzjonijiet extra maritali ma` rgiel differenti, u l-konvenut ta` ragel sewwa li hu, skont it-tghalim tal-Profeta Muhammed , dejjem hafrila. Biss l-Attrici baqghet taqa` fl-immoralita` u l-ahhar fazi ta` dawna r-relazzjonijiet extra matrimonjali gew mikxufa mill-istess konvenut li malli indika lill-martu li kien jaf x`inhuwa ghaddej, l-Attrici qabdet u harbet mid-Dar Matrimonjali u marret tikkoabita mas-sieheb malti li mieghu qedha tghix, kif ippublikat l-Attrici hija stess fil-FaceBook u l-konvenut juri dana kollu lill-Onorabbli Qorti.*

*13. Illi ghalhekk l-ewwel paragrafu tar - Rikors Guramentat tal- Attrici huwa kkurat, billi z-zwieg sehh fil-Moskeja ta` Corradino mill-IMAM, li ghadu mimli bl-ghomor, imbaghad zmien wara sehh iz-zwieg civili. Illi ghalhekk ukoll anke it-Tieni paragrafu huwa kkurat billi in effetto twieldu tlett itfal, li tnejn minnom mietu zghar, u RB illum ghandha dsatax-il-sena, izda meta giet intavolata dina l-kawza, RB ukoll diga` kellha 18-il-sena u sebgha xhur, igifieri adulta, u ghalhekk ommha ma tistax titkellem legalment f`isimha fl-inkwadratura ta` dawna l-proceduri legali.*

*14. Illi l- Artiklu 40 tal-Kodici Civili - Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, gie vjolentament miksur mill-istess Attrici li tefghet taghha fuq il-konvenut zewgha ; kwantu ghar-rabgha paragrafu , il-firda saret meta l-konvenut intebah li ghal darb`ohra martu l-adultera kien qed ikollha relazzjoni ma` ragel iehor, u kien ghalhekk li f`Marzu 2020, l-Attrici abbandunat id- Dar Matrimonjali f` Numru 10, LB, Triq il-Miksur - HAL GHAXAQ, u marret tirresjedi mas-sieheb fl-indirizz residenzjali ta` Bahar - ic - Caghaq. Mhux minnu li l-Attrici qatt ma kellha kuntatt ma` zewgha, izda kienet icempillu ghax dejjem trid filwaqt li trid ukoll tghamel li trid: il-konvenut ma kienx lest li jaccetta iktar dina s- sitwazzjoni ta` immoralita` da parti ta` martu u issa ma jridx jaf biha iktar!!*

*15. Illi fir-rigward tas- sitt paragrafu fit- tieni pagna, u s-sebgha paragrafu, dawna huma kontestati ghar-ragunijiet li diga` nghataw, biss il-konvenut hawn mhux qed jecepixxi n-nullita` u l-invalidita` taghhom, stante li huwa ukoll ghandu proceduri ghad- Divorzju miftuhin [ vide Rikors 3325 / 2021 - AGR , Registrazzjoni 7 ta` Ottubru, 2021, jum qabel giet intavolata dina l-kawza odjerna mill-Attrici fit - 8 ta` Ottubru, 2021 ] u ghalhekk dina l-Onorabbili Qorti qedha tigi mitluba biex tordna li dawk l-Atti dwar id - Divorzju da parti tal-Intimat fil-konfront ta` martu jigu allacjati ma` dawna l-proceduri ukoll f`dina l-kawza, billi da parti tieghu, SB, l-intimat, huwa ukoll herqan li z-zwieg tieghu mal- Attrici jinhall malajr kemm jista` ikun.*

*16. Illi, ghaldaqstant, l-Intimat jaqbel perfettament mal- ewwel zewg talbit tal-Attrici u jgharraf il-Qorti li huwa ma kellu ebda relazzjoni ta` kwalsiasi natura mal- Attrici minn Marzu tas- sena 2022 `l hawn : issa fl-inkwadratura tal-emendi fil-Ligijiet li jirregolaw Zwiegijiet , huwa ghalhekk possibili li z-zwieg ta` bejn il-kontendenti jinhall bl-intiza li ebda naha ma jkollha ghalfejn tghamel xi forma ta`*

*kuntatt man-naha l-ohra. SB jinkonkordi ghal kollox dwar dawna l-ewwel zewg talbit, u kwantu ghat-tlett darbit li jsegwu u ghar-ragunijiet li nghataw brevement, dawna ghandhom jigu ddikjarati nulli u invalidi, u michuda bl-isfilz taghhom skont kif gie imfisser.*

*17. Illi RB tad- 19-il-sena , bint l-intimat, ma tghix ma` missierha billi ghamlet skont kif istigata rapport falz lil Pulizija u missierha tkecca provizorjament minn daru f` Hal- Ghaxaq u kellu jghamel sagrificcji finanzjarji kbar biex sab post Santa Lucia biex jikri fejn kwazi nofs il-paga tieghu qedha tigi mahtufa bil-pagament fix-xahar tal-kera. RB qed tghix apparantement wehida bl-interventi kontinwi tan-nannit materni taghha DIMECH, u in effetto sa minn Dicembru 2020, l-intimat ilu jghix fir-residenza tieghu SANTA LUCIA, waqt li bintu tghix HAL GHAXAQ u l-Attrici tirresjedi mal-habib Bahar-ic-Caghaq. u allura l-paragrafi 8 u disgha tar - Rikors Guramentat tal-Attrici iriedu jittiehdu f`dina l-inkwadratura ta` fatti skont kif abbuzivament torqomom u tghawwighom l-Attrici !!!*

*18. Illi b`dana kollu mitqal, pero`, il-konvenut jaqbel intierament mal-kontenut tal-paragrafu ghaxra tar - Rikors Guramentat fit - tieni faccata , u specifikatament li z-zwieg ta` bejn il-kontendenti ghandu jinhall permezz ta` DIVORZJU: il- Qorti b`hekk qed tara kif fuq dana l-punt specifiku ghad- Divorzju, hemm qabil anke da parti tal-istess konvenut. Jinhall iz-zwieg u kull naha qiesa QATT u QATT ma kienet taf lin-naha l-ohra, minghajr pregudizzju ghall- pretenzjonijiet li l-konvenut jista` ikollu jew ghandu fil-konfront ta` terzi bhal missier l-attrici.*

*19. ILLI DWAR IT - TMINT TALBIT ATTRICI, diga` saru sottomissjonijiet mill-Intimat dwar l-ewwel zewg talbit [ HEMM QBIL ] u dwar it-Tlett talbit ta` wara [ HUMA NULLI U INVALIDI, GHANDHOM JIGU MICHUDA u SFILZATI ] . Isieru issa kummenti dwar Talba ( vi ) li ghandha tigi milqugha, u z- zewg talbit ahharin li jsegwu.*

*20. TALBA ( vii ) : Dina hemm oggezzjoni assoluta dwarha, billi kieku kellha tinghata in anticipo tas-sentenza definittiva jkun hemm pregudizzju sproporzjonat fir-rigward tal-intimat. MB ma tridx illi l-Qorti tisma` kemm ghal iktar minn tmintax-il-sena , il-konvenut hadem biex zamm lill-Attrici fuq wicc l-idejn , anke jekk l-Attrici qatt ma kienet tafulu. L-intimat ghandu jiehu dejn kbir minn martu u*

*l-genituri taghha , partikularment missierha Joseph Dimech. Hemm kawza pendenti quddiem il-Prim` Awla tal- Qorti Civili , preseduta mill-Onorevoli Mhallef Joanne Vella Cuschieri , fejn il-genituri tal- Attrici intavolaw kawza kontra l-partijiet kontendenti f`dina l-kawza bl-intiza cara halli jkeccu lill-intimat minn hemm, billi l-Attrici gja ilha minn Marzu 2020 li abbandunat dina d- Dar Matrimonjali halli tmur tghix fi stat adulteru ta` kooabitazzjoni mas-sieheb maskil taghha, kollega ta` fuq ix-xoghol, f`residenza gewwa Bahar-ic-Caghaq.*

*21. Dina l-kawza suriferuta fil-paragrafu precedenti giet intavolata mill-genituri tal-Attrici, meta kienu jafu li binthom kienet marret ma` ragel iehor u abbandunat lid- Dar Matrimonjali, lill-ghaziz zewgha l-intimat u lill-bintha RB El Bourawi li dak iz- zmien kienet ghadha tikkwalifika bhala minuri ( Marzu 2020 meta kien ghad kellha 17-il-sena ) , u marret ma` dana l-kollega maskil li huma mpjegati fil-Cargo Section tal- Air Malta f`residenza Bahar-ic-Caghaq , u biex jostru dana l-fatt fethu kawza in essenza kontra l-intimat biex dana jizgombra mid-Dar Konjugali fuq il-bazi li l-intimat ma kellux ebda titolu legalment validu fuq id- Dar Matrimonjali biex jirresjedi hemm. Il- Qorti Civili dejjem kawta , u ma laqghetx it-talba ghall-izgumbrament ta` SB sakemm jinstemghu l-provi, kif qed isehh f`dina l-kawza quddiem dina l-Prim`Awla tal- Qorti Civili ppreseduta mill-Onorevoli Mhallef Joanne Vella Cuschieri . Dina l-kawza hijs issa ddiferita ghall-kumplament tal-provi tal-Intimat SB.*

*22. Dizappuntati b`dana, sehhet konkoffa bejn il-genituri tal-Attrici, bint l-Attrici kwazi maggorenni, u l-Attrici nnifisha biex zgur ikeccu minn daru lill-intimat. Bl-ghajnuna ta` qraba li huma membri fil-korp tal-pulizija, il-bint RB bdiet tipprovoka lill-missierha l-intimat. Holqu attaparsi incident f` Dicembru, 2020, erbgha xhur qabel RB kellha tghalaq tmintax-il-sena u legalment issier maggorenni. Eventwalment inqala` incident domestiku bejn il-bint RB u missierha meta dina t-tfajla biex tpattija lill-missierha l-intimat talli ghax ma setax jaffordja ma halsilix ghal xi Parokka jew ghal xi manikurazzjoni tad-duffrejn, dina bdiet titfilu l-kamers survulartorji fid- Dar Matrimonjali ( stallati wara li xi hadd [ suspett l-Attrici li baqghet izomm ic-cwievet tad- Dar Matrimonjali f` Hal Ghaxaq avolja minn Marzu 2020 marret tikkoabita mas-sieheb kollega taghha f` Bahar - ic- Caghaq ] meta ma kellha ebda jedd li tghamel dana, inqala` konfront verbali bejn l-intimat u bintu , bintu girfet idejha u koxxitha waqt li qedha tipprovoka lill-missiera, missierha sarlu*

*rapport fit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika fil-Kwartier tal-Pulizija, gie arrestat, u bis-solitu twarrib tad-drittijiet fundamentali tieghu, il-Qorti tal-Magistrati ordnat lill-intimat biex jitlaq minn daru sakemm ikun konkjuz il-kaz: bizzejjed nghidu li ghandna fil-fazi tal-provi tal-prosekuzzjoni b`diversi differimenti li dejjem isehhu da parti tal- Pulizija, u sadittant dejjem ibghati l-intimat bl-ispejjez iebsa li gew imposti fuqu, fejn qed ihallas kwazi nofs-il-paga ghall-kera mensili tal-fond apartament li SB sab jikri fil-lokal ta` Santa Lucia.*

*23. Barra minn hekk, l-intimat kien ghamel hafna hidma u spejjez minn butu fid-dar konjugali u anke  dahal fi progetti mal-Bank dwar l-Istallar ta` Panelli fid-dar ta` Hal Ghaxaq: allura dina T-TALBA  VII ma tistax tintlaqa` qabel ma jinstemghu provi adegwati ghax inkella l-konvenut ibghati pregudizzju mhux proporztjonat, u allura isofri pregudizzju sproporzjonat li dana l-Ligi ma tridx illi ssehh.  Mela dina t-talba ghandha tigi michuda bl-iktar mod assolut.*

*24.  Nigu issa ghat -Talba VIII li hija l-ahhar wahda tal-attrici :  dina hija Talba farza u l-Attrici qedha twaqqa` ghac-cajt il-Ligi, kif dejjem tipprova tghamel bl-abbuzi perpetranti taghha, u nuqqas ta` rispett kbir lejn l-Onorabbili Qorti. L-attrici qedha tammetti hija stess li minhabba l-Adulterji taghha ghal snin shah tul dana z-zwieg,  finalment wara l-atti ta` infedelta` taghha lejn l-Onorabbili zewgha li huwa Musulman Malti devot skont il-Kelma tal-Profeta mitqala direttament minn Allah , dina qabdet u telqet mid-dar matrimonjali, wara li diversi drabi l-Onorabbili Zewgha hafrilha biex ma tergax, izda dejjem terga`, u marret tikkoabita ma` kollega fuq il-post tax-xoghol taghha mal-Cargo Section tal- Air Malta f` Hal-Luqa, f` residenza f` Bahar - ic- Caghaq. Dana sa minn Marzu 2020 b`ammissjoni tal-istess Attrici!!  U issa dina l- Attrici bil-wicc tost kollu ( tabilhaqq kif jinghad f`diversi lsna ) qedha tizjuffjetta bil-Qorti u tissottometti dina t-tmien u l-ahhar talba taghha bhallieku l-Onorabbili Qorti mhix qieghda tintebah ghalliema skopijiet u objettivi dina l-Attrici qedha tghamel dina t-talba liema skopijiet u objettivi huma ben mgharufa u jittepetuhom hafna persuni li jkunu ezatt fil-gwarnic socjali li qedha tinkwadra issa l-istess Attrici !!!  Allura dina t-talba ma ghandhix tigi milqugha lanqas ghax kull ma qieghda twettaq hija li tirridikola l-istess sistema ta` gustizzja nostrana u lill-istess Onorabbili Qorti li jisthoqqilha kull rispett u qima.*

*25 . Mela mit-tmien talbiet attrici, l-ewwel tnejn ghandhom jigu milquha ghax ikun gust li jsier hekk anke skont il-ligi ta` Allah ; it-tlieta li jsegwu ghandhom jigu sfilzati ghax l-attrici ma ghandha ebda locus standi dwarhom fil-ligi stante li RB llum ghandha dsatax-il-sena, tahdem part time jekk mhux full time, u tghid li hija studenta universitarja bi stipendju li huwa tajjeb daqs is-salarju li jaqilghu t-tobba l-Isptar [ dana se mai jigi ppruvat b`evidenza viva voce u b`dokumentazzjoni anke mill-Jobs Plus ] ; is-sitt talba ghandha tintlaqa` issa qabel imbaghad, illum qabel ghada billi l-Attrici mhix denja li jkollha kunjom nobbli bhal EB ghal ragunijiet elenkati fil-Ligi, partikularment Artiklu 62 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta` Malta; u l-ahhar zewg talbit ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet piuttost dettaljati u spjegattivi li hawn fuq gew umilment sottomessi mill-Intimat SB.*

*26. Illi naturalment l-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, ghandhom jigu sopportati kollha mill-Adultera Attrici MB nee` Dimech , billi kienet hija li literalment farket dana Z-ZWIEG u holqot diversi skandi socjali ma` diversi rgiel , amessi direttament u / jew indirettament minnha stess, li kkagunat tbghatijiet kbar lill-Intimat li huwa ragel kwiet u profondament religjus skont il-Kelma ta` Allah fil-QUARAN jew KORAN, li hadet guramenti foloz specjalment fil-qerq taghha dwar id-dar matrimonjali f` Hal-Ghaxaq, li influwenzat direttament lill-istess bintha RB ( li giet abbandunata minn ommha halli dina marret tghix ma` ragel iehor) biex dina tkun il-kagun li l-ghaziz missierha li tant stinka u ssagrifika ruhu ghall-familtu, jigi mkecci bi problemi kbar finanzjarji mill-istess dar matrimonjali, u issa qed johrog kwazi nofs is-salarju tieghu biex ihallas il-kera kull xahar, fix-xahar, ghall-Apartament f` Santa Lucija, ghall-ispejjez li kkonstringit lill-intimat jghamel f`diversi proceduri legali pendenti, anke fid-dawl tal-eccezzjonijiet in linea preliminari, u issa anke ghall-mod kif qieghda twaqqa` ghac-cajt is-sistema gudizzjarja taghna, tghamel kummiedja mill-ligijiet taghna, u turi sfaccatament nuqqas ta` rispett kbir lejn l-Awtorita` tal-Onorabbili Qorti : Alla jahrifilha u jqeghda fit-triq tas-sewwa, haqq u verita` .*

*27. Tant hija mwera` il-qaghda finanzjarja tal-intimat li dina d-darba lanqas biss ghandu flus biex jissottometti l-Kontro Talbiet, kif ghamel fil-kawza precedenti u li giet abbuzivament u b`qerq ceduta mill- Attrici Adultera halli l-verita` vera tigi mistura : ghalhekk umilment l-Intimat SB, Cittadin Malti u li ilu residenti hawn Malta ghal iktar minn 33 sena, izzewweg darbtejn u kellu hames itfal, illum mkecci*

*minn daru bl-intricci tal-Attrici u l-familjari taghha, qed umilment jitlob u jinsisti ma` dina l-Onorabbili Qorti biex jigu allaccjati l-Atti Processwali kollha tal-Kawza Citazzjoni , Numru Referenzjali 249 / 2020 { Atti tal-Medjazzjoni Ittra 419 / 2020 - AGM } u biex titella` tixhed il-Medjatrici Madame Antoinette Gatt Rutter halli tfisser kif inghalqu dawna z-zewg Medjazzjonijiet b`heffa u ghalliema ragunijiet partikularment l-Ittra Numru 507 / 2021 u d- Digriet Numru : 1816 tal-2021, mghoti minn dina l-Qorti kif ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef Antonio Giovanni Vella, wara r-Rapport infondat tal-Medjatrici tat- 13 ta` Awwissu, 2021, fl-eqqel tas-Sajf. Dana billi mhux minnu li l - Intimat qatt ma tela` jew li ma kienx hemm inkontri `online` sakemm Dottor Emmy Bezzina fisser iktar minn darba li l-Medjazzjoni `online` kienet qed tohloq ingustizzja u nuqqas ta` transparenza kbiera u iktar u iktar meta Medjaturi ohra kienu qed jippresjedu f`Medjazzjonijiet fit- Tielet Sular tal- Qorti tal-Familja.*

*28. Importantissimu ukoll li jigu allaccjati l- Atti processwali fir - Rikors Referenza Numru 3325 / 2021 - AGR li gie ufficjalment irregistrat nhar is - 7 ta` Ottubru 2021, li kien Rikors Generali ghad- DIVORZJU fl-ismijiet SB - versus - MB u li ghadu fir - Registru tal- Qorti tal- Familja pendenti, minghajr ebda seduti, minkejja li dina l- Applikazzjoni ghad - DIVORZJU kienet giet formalmentipprezentata qabel dik tal- Attrici odjerna : l-intimat umilment jixtieq li dina s-sitwazzjoni tigi nvestigata u li dawna z-zewg Applikazzjonijiet ghad - Divorzju issa almenu jimxu kontestwalment jew is-sitwazzjoni tigi regolata skont il-procedura nostrana ta` kif ghandhom jitmexxu l-kawzi. IL-GUSTIZZJA TRID TIDHER LI QEDHA SSIR U LI QEDHA SSEHH.*

*29. Il-kawza quddiem il-Prim`Awla tal- Qorti Civili kif ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef JOANNE VELLA CUSCHIERI hija issa ddiferita ghall- Mejju 2022, fl-ismijiet DIMECH JOSEPH et. - versus - SB, et, u qieghda ghall-ahhar seduta provi Konvenuti , Citazzjoni Nru. Referenzjali 946 / 2020. Tant kienet mahduma dina l-kawza, illi apparti mill-fatt illi l-istess Avukati qedghin jippatrocinaw lill-Familja Dimech u lil MB Elbourawi bintom, avolja huma fuq in-naha opposta, mill-ewwel nett MB nee` Dimech iddikjarat illi hija fuq in-naha tal-genituri taghha u li kull ma qed jghid zewgha hu ``gidba``: l-ahjar kieku l-Onorabbili Qorti tordna li kopja awtentikata ta` dina l-kawza safejn waslet tigi ukoll allaccjata mal-Atti Processwali ta` dina l-kawza odjerna halli dina l-Onorabbili Qorti kif ippreseduta*

*ikollha stampa legali panoramika ta` x`inhi l-verita` assoluta .*

*30. Illi, ghalhekk, it-Talbit Attrici ghandhom jigu decizi skont kif umilment mitluba mill-konvenut peress illi ma ghandux flus biex jghamel il-procedura tal-kontro-talbit u ghar-ragunijiet indikati; ghandhom jigu allaccjati l-Atti Processwali mitluba mill-konvenut biex tfegg il-verita` kollha; iz-zwieg ghandu jigi mahlul permezz tad- Divorzju w li l-ispejjez kollha , gudizzjarji u extra gudizzjarji, ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-Attrici Adultera kif amess minnha stess fuq FACEBOOK, inter alia, peress illi hija kienet unikament risponsabbili ghat-tifrik bl-iktar mod assolut ta` dana z-zwieg: HEKK ALLA JGHIN LIS-SEWWA U LILL-KONVENUT SB.*

*31. Dokumenti jigu esebiti permezz ta` NOTA fl- Atti tal-kawza fl-udjenza quddiem l-Onorabbili Qorti kif ippreseduta. Biss sejjer jigi mehmuz Affidavit ta` ghaxar faccati tal-istess intimat li pero` mhux l-ahhar kelma tieghu billi jelabora iktar fil-mori tal-kawza, fl-istadju tal-provi tieghu wara li l-Attrici Adultera tghalaq b`Dikjarazzjoni l-fazi tal-provi taghha.*

*32. Tant ghandu x`jisottometti l-intimat f`dana l-istadju dejjem minghajr pregudizzju ghall-kjarifikazzjonijiet , addizjonijiet, tibdil jew korrezzjonijiet, biz-zieda ta` dokumenti rilevanti li kollha juru li t-triq tal-verita` u tal-gustizzja qieghda biss fid-direzzjoni tal-konvenut SB. Hekk Allah jghini.*

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2022 (Vide Fol 195 ) fejn Dr Natalia Camilleri ddikjarat li l-attrici ma ghandhiex aktar provi x’tipproduci dwar l-eccezzjoni preliminari dwar l-eta’ tal-minuri u kemm-il darba qeghda tistudja o meno.

Semghet it-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni preliminari mill-avukati difensuri tal-partijiet. (Vide Fol 204)

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**RB,** bint il-partijiet, **xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 182 et seq)** u spjegat illi ghandha dsatax(19) – il sena, u ilha studenta l-Universita' ta' Malta minn Ottubru tas-sena 2021 meta bdiet kors ta' *Bachelor of Science in Midwifery.* Illi tixhed illi dan il-kors huwa twil 4 snin u ghandha tiggradwa fis-sena 2025. Tishaq illi huwa impossibbli ghaliha li tahdem fuq bazi full-time kif qieghed jinsisti missierha ghaliex apparti li hija kollha l-lectures, ikolha ukoll *placements* l-isptar darbtejn fil-gimgha anke fis-sajf. Qabel ma dahlet l-Universita' tirrileva illi kienet taghmel part-time bhala *clerk* mal-kumpanija G4s fis-sajf biss. Hija ghadha registrata bhala part-timer mal-kumpanija G4S biex f'kaz li fis-sajf tkun tixtieq terga' tahdem maghhom ghal xi ftit sieghat, ma jkollhiex ghalfejn terga tibda' l-process biex tapplika mill-gdid. Bint il-partijiet isostni illi qatt ma nghatat ghajnuna minghand missierha la fejn jidhlu flus u lanqas fejn jidhol l-istudju, u kienet dejjem ommha li ghinitha finanzjarjament, ghaliex anke meta kienu ghadhom flimkien, kienet dejjem ommha li mantnitha.

Tispjega illi meta ommha telqet mid-dar matrimonjali u hija baqghet tghix ma' missierha peress li dak iz-zmien kellha l-ezamijiet u dak li jirrigwarda ezamijiet u privatijiet kien hemmhekk jew fil-vicinanzi ta' Hal Ghaxaq, missierha ghalkemm kien jixtri l-ikel ghalih qatt ma xtara ikel ghaliha u l-*fridge* kienet tkun vojta. Illi tishaq illi kienet tmur tiekol ghand in-nanniet materni, fejn kienet tigi ommha taraha kwazi kuljum. Isemmi ukoll episodju fejn missierha refa' idejh fuqu u flimkien ma' ommha u n-nanniet materni marret taghmel rapport id-*Domestic Violence Unit,* fejn minn hemm, missierha tressaq quddiem il-Qorti u gie ordnat sabiex jitlaq mid-dar matrimonjali. Tinsisti illi din ma kienitx l-unika darba li missierha refa' jdejh fuqha, u li anke refa' jdejh fuq ommha.

**Louis Buhagiar rapprezentant Jobs Plus xehed nhar il-15 ta' Gunju 2022** u eseixxa il-Jobs Plus Employment History ta' bint il-partijiet, li giet immarkata Dok LB1.

**Ikkonsidrat**

Illi din hija sentenza *in parte* rigward eccezzjoni preliminarja eccepita mill-intimat SB in segwitu ghall-proceduri kontenzjuzi ntavolati mill-attrici permezz ta' liema qeghda *inter alia* titlob is-segwenti: il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, u hlas ta' retta alimentari lilha ghall-bzonnijiet ta' bint il-partijiet inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, kif ukoll talba ghall-arretrati minn Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020).

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet zzewgu nhar l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) gewwa r-Registru Pubbliku, hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg a fol 6 tal-atti. Illi

minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla, RB li twieldet nhar l-erbatax (14) ta' Marzu elfejn u tlieta (2003). Illi llum bint il-partijiet ghandha dsatax (19)- il sena. Illi l-partijiet ilhom minn Marzu 2020 separati *de facto*.

Illi fir-risposta guramentata tieghu, l-intimat fost eccezzjonijiet preliminarji ohra, eccepixxa illi l-attrici m'ghandix *locus standi* fil-ligi li taghmel xi talbiet f'isem bint il-partijiet li illum hija maggiorenni, b'dana illi t-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet hekk kif dedotti fir-rikors guramentata inatvolat mill-attrici huma nulli, invalidi, ineffettivi u mhux enforzabbli u ghalhekk ghadhom jigi sfilzati.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti taghraf illi t-talba ghall-manteniment li konsegwentement xprunat l-eccezzjoni in dezamina da parti tal-konvenut saret fl-isfond ta' talba ghall-hall taz-zwieg fejn il-partijiet mhumiex legalment separati. Illi mill-provi in atti jidher illi bint il-partijiet ghalqet tmintax (18)- il sena fl-erbatax (14) ta' Marzu 2021. Illi l-proceduri odjerni gew intavolati mill-attrici fit- 8 ta' Otturbu tas-sena 2021, u cioe wara li bint il-partijiet ghalqet tmintax (18)- il sena. Illi ghalhek mhuwiex kontestat illi bint il-partijiet kienet diga' maggiorenni meta l-attrici intavolat il-proceduri *de quo*.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A B vs C B** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Mejju 2018 fejn intqal illi:

> "***Konformement mal-premess, il-Qorti tifhem illi, stabbilit li l-manteniment huwa dovut skont il-ligi lill-ulied, il-wild ghandu dritt azzjonabbli kontra l-genitur ghall-fornitura ta' manteniment, u fejn il-manteniment jikkonsisti, f'kaz ta' firda bejn il-genituri, fi hlas ghall-manteniment, il-wild ghandu dritt li jezercita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas.***"

Kif gie wkoll ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Martina Farrugia et vs Carmel sive Charles Farrugia** deciza fis-26 ta' Mejju 2017:

> "***…l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili jaghti dritt lill-ulied maggjorenni sabiex, fil-kaz li jkkonkorru c-cirkostanzi hemm kontemplati, jipprocedu huma direttament kontra l-genituri taghhom.***"

Illi minn ezami tal-insenjamenti su-citati, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ghalhekk hija bint il-partijiet li trid tintavoli proceduri *ad'hoc* sabiex titlob manteniment minghand il-genituri taghha, u sabiex jigi stabbilit jekk hijiex intitolata ghall-manteniment u minn min mill-genituri huwa tenut li jhallsu, b'dana illi l-attrici m'ghandhiex *locus standi* titlob manteniment ghall-bintha gialadarba bint il-partijiet ormai hija maggorenni. Illi il-genituri ma jistghux jidhru in rapprezentanza taghha fi proceduri litigjuzi.

Illi pero' din il-Qorti tinnota illi l-attrici qeghda titlob ***ukoll*** l-arretrati minn Marzu 2020. Illi din il-Qorti rat illi f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fid-decisjoni taghha fl-ismijiet: ***MB Zerafa bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Elaine u Keith vs. Anthony Zerafa*** deciza fl-1 ta' Lulju 2005. Illi l-attrici fil-kawza citata kienet issottomettiet illi:

> ***"ILLI kjarament, l-attrici kellha fil-mument illi intavolat iccitazzjoni attrici l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, u intavolat tali citazzjoni korrettement fuq il-bazi li kellha tali kura u kustodja, u li kienet responsabbli hi personalment ghall-manteniment ta' wliedha;***
>
> ***"ILLI trattandosi ta' arretrati ta' manteniment, il-manteniment kollu mitlub jirrelata ghal tali zmien meta l-ulied kienu ghadhom minorenni u l-ispejjez relattivi ghall-ghixien u edukazzjoni taghhom kienu qeghdin jigu sofferti u sopportati mill-attrici fil-kwalita` taghha premessa;***
>
> ***"ILLI tali kwalita` ma tinbidilx bil-fatt illi l-ulied lahqu l-maggor eta`; kjarament, il-flus huma dovuti lilha li ghixithom u edukathom, u mhux lill-ulied, indipendentement mill-eta` taghhom issa, u l-kwalita` ta' l-attrici tirreferi ghaz-zmien li kienet kuratrici ta' wliedha, mhux ghaz-zmien prezenti li ma ghadhiex;***
>
> ***"ILLI kieku l-attrici talbet kif gie sottomess tibdil fl-okkju tal-kawza biex l-atti jghaddu fil-persuna ta' l-ulied, kienet tinholoq is-sitwazzjoni assurda li l-ulied kienu jigu qeghdin ifittxu ghal manteniment passat li ma giex soffert minnhom imma minn ommhom, mentri ommhom kienet tisfa' minghajr dritt legali ghall-ispejjez li inkorriet fil-manteniment u edukazzjoni ta' wliedha;***

> ***"ILLI ghaldaqstant, il-manteniment arretrat dovut huwa indubitament dovut lill-attrici, u li d-dritt ta' azzjoni taghha huwa ankrat fil-kwalita` rapprezentattiva taz-zmien originali li fih bdiet il-kawza;***

**Il-Qorti tal-Appell** tenniet illi:

> ***Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa assolutament bla ebda bazi legali. L-attrici MB Zerafa ma ghamlitx din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg uliedha minuri. Invece hija ghamlitha f'isimha proprju izda fil-kapacita` taghha ta' kuratrici ad litem ta' l-istess uliedha minuri Elaine u Keith Zerafa.***
>
> ***Il-kawza bazikament titratta dwar arretrati ta' manteniment li l-attrici tallega li kienu dovuti lilha mill-konvenut, u li billi dawn l-arretrati ma thallsux mill-konvenut meta kienu dovuti, l-istess attrici kellha taghmel tajjeb ghalihom hija stess biex rabbiet lill-uliedha, edukathom u taghthom dak kollu li kellhom bzonn.***
>
> ***Ghalhekk l-arretrati huma dovuti lill-attrici, sia pure li din agixxiet fil-kwalita` taghha ta' kuratrici ad litem ta' wliedha minuri. Din il-Qorti taqbel sostanzjalment mas-sottomissjonijiet li ghamlet l-appellata u li huma riportati fil-paragrafu 8 supra ta' din is-sentenza u a skans ta' ripetizzjonijiet inutili qeghda taghmel referenza ghalihom, billi jidhrilha li huma bazikament korretti.***
>
> ***Konsegwentement, l-ewwel aggravju ta' l-appellant qieghed jigi respint.***

Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis illi l-attrici ghandha jedd taghmel talba ghall-arretrati ta' manteniment taa' bintha bejn il-perjodu ta' Marzu 2020 u Marzu 2021, sakemm bint il-partijiet ghalqet it-tmintax (18) – il sena, u ghalhekk ghandha *locus standi* minn dana l-aspett.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li l-attrici ghandha *locus standi* limitatament ghall-arretrati ta' manteniment dovuti lilha entro l-perjodu bejn Marzu 2020 u it-13 ta' Marzu 2021, b'dana illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-tielet talba, u tar-raba u l-hames talba.**

**Spejjes riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**